MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Mandat Numru. 264/2014/1

James **Patrick Flannery, detentur tal-Passaport Irlandiz bin-numru S334940 kif lokalment rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dottor Antoine Cremona (11980G) u Lexington Services Limited (C-50993)**

***kontra***

**(1) Activity Monitoring Solutions Limited (C47660) ;**

**(2) Catharsis Technologies Limited (C54820) ;**

**(3) L-assenti socjeta` Walters & Karrer Internacional SA (registrata Anguilla) u l-assenti socjetajiet WKI Trust SA (C32815), Anthology SA (C40164) u Maro Services Limited (C40165) registrati St. Kitts & Nevis, rappresentanti minn Dr Christian Ellul bhala mandatarju specjali taghhom;**

**(4) E&S Consultancy Limited (C50332)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Fl-14 ta` Frar 2014, ir-rikorrenti pprezentaw rikors fejn talbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

Ghalkemm kien rikors wiehed, jirrizulta mill-kontenut illi l-att kien intiz biex intimati differenti jkunu mizmuma milli jaghmlu atti partikolari.

Fil-konfront tal-intimati **Activity Monitoring Solutions Limited (AMSL) u Catharsis Technologies Limited (CTL)** it-talba hija sabiex jinzammu jew min minnhom milli –

***1. direttament jew indirettament ibieghu, jassenjaw, jittrasferixxu jew b`xi mod iehor icedu jew jghaddu kemm b`titolu gratuwitu, kemm in parti jew in toto, jew b`xi mod iehor jingumbraw jew jidhlu f`arrangamenti dwar kull interess patrimonjali jew mod iehor li ghandhom jew jista` jkollhom (a) fil-privattiva (patent) Iralndiza maghrufa bhala short-term Irish patent registrata fir-Repubblika tal-Irlanda bin-numru S82622, u (b) fil-prattiva registrata l-Istati Uniti tal-Amerika bin-numru US 8019807 u (c) fl-applikazzjoni ghall-hrug ta` privattiva Ewropea mressqa mal-European Patents Office u li ghandha n-numru 02394064.6, liema applikazzjoni mill-informazzjoni li ghandhom ir-rikorrenti ghadha pendenti***

*2. Illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz ir-rikorrenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa` provvizorjament din it-talba taht kull provvediment li jidhrilha opportun fic-cirkostanzi.*

Fil-konfront tal-**intimati l-ohra**, it-talba hija sabiex jinzaqmmu milli –

***3. direttament jew indirettament ibieghu, jassenjaw, jittrasferixxu jew b`xi mod iehor icedu jew ighaddu kemm b`titolu oneruz kif ukoll b`titolu gratuwitu, kemm in parti jew in toto, jew b`xi mod iehor jingumbraw jew jidhlu f`arrangamenti dwar l-ishma li huma ghandhom fis-socjetajiet intimati l-ohra AMSL u CTL liema trasferiment jekk isehh ikun qed jeludi l-pretensjonijiet imressqa mir-rikorrenti fi proceduri li nfethu apposta kontestwalment ma` dan il-mandat fil-Qrati ta` Dublin, ir-Repubblika tal-Irlanda.***

*4. Illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz ir-rikorrenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa` provvizorjament din it-talba taht kull provvediment li jidhrilha opportun fic-cirkostanzi.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Frar 2014 li bih laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom zmien ghaxart (10) ijiem biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-27 ta` Frar 2014 fis-2.00 p.m.

Rat illi l-intimati kienu debitament notifikati fl-14 ta` Frar 2014.

Rat ir-risposta li l-intimati pprezentaw fl-24 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-dokumenti li l-intimati pprezentaw mar-risposta taghhom.

Rat il-verbali tal-udjenzi tas-27 ta` Frar 2014 u 4 ta` Marzu 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu mid-difensuri tal-partijiet fiz-zewg udjenzi.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2014 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Marzu 2014 skond l-Art 173 tal-Kap 12.

Rat l-assjem tal-atti tal-procediment tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. Il-fatti**

Ir-rikorrent de proprio (**Flannery**) u l-kumpannija rikorrenti (**LS**) investew €7,254,204 go kumpannija bl-isem West Global Limited (**WG)** li hija specjalizzata fit-teknologija tal-informatika. Minhabba dak l-investment, Flannery sar direttur ta` West Global waqt li LS kienet l-azzjonista ta` West Global. Twaqqfet kumpannija ohra bl-isem ta` Wireless Enterprises Solutions Technology Limited (**WEST**) sabiex sat-13 ta` Marzu 2011 l-*intellectual property rights* jigu registrati u jinzammu minn WEST. Din tal-ahhar applikat u kisbet *patent* fl-Irlanda. Applikat ukoll biex dik il-*patent* tkun registrata wkoll l-Istati Uniti ; fil-fatt dik ir-registrazzjoni saret ukoll. In segwitu applikat biex il-*patent* tkun registrata wkoll mal-European Patent Office (**EPO**) ; l-applikazzjoni ghadha pendenti.

Sal-2004 Flannery kien is-sid beneficjarju ta` 80% tal-ishma ta` WEST u tal-assenjarji taghha u cioe` AMSL u CTL. L-isfond ghal dan l-assett socjetarju kien ftehim verbali li kien sar bejn Flannery u Mortimer John Walters (**Walters**) fejn bhala rikonoxximent tal-investiment li Flannery kien ghamel Flannery isir is-sid ta` WEST fi kwota ta` 80% tramite Walters bhala fiducjarju tieghu u l-20% l-ohra ikunu ta` Walters. L-ishma kienu registrati f`isem zewg kumpanniji Asley Trust Limited (**ATL**) u Ashley Nominees Limited (**ANL**) li joffru *trust* u *nominee services* u li huma kontrollati minn Walters. Wara sar ftehim bil-miktub fejn WEST ittrasferiet lil AMSL il-*patents* u d-drittijiet relatati b`mod li Flannery jibqa` jzomm l-interess beneficjarju ta` 80% li kellu f`WEST. Dak il-ftehim kien segwit minn ftehim iehor bil-miktub fejn AMSL ittrasferiet il-*patents* lil CTL. Anke f`dan il-kaz l-interess beneficjarju ta` Flannery ta` 80% kellu jibqa` intatt. In segwitu ghal dan kollu, WEST thassret minn fuq ir-registru tal-kumpanniji fl-Ingilterra fejn kienet registrata.

Skond Flannery, dawk it-trasferimenti saru wara parir ta` Walters. Pero` skond Flannery li sar kien bi frodi ghad-dannu tieghu, ghaliex la f`ismu u lanqas f`xi socjeta` kontrollata minnu ma kienu registrati ishma fil-kumpannija li hija s-sid tal-*patents* minkejja l-investment qawwi li ghamel u kien vitali biex sar l-izvilupp tas-software li dwaru hargu mbaghad il-*patents* minkejja li Walters kellu struzzjonijiet minghand Flannery u kien obbliga ruhu mieghu illi l-interess beneficjarju ta` 80% li kellu jigi rfless fl-ishma ta` AMSL u CTL.

Kien ghalhekk illi Flannery ipprezenta kawza fil-High Court ta` Dublin u in kawtela ta` dik il-kawza talab il-hrug tal-Mandat bil-procedura tal-lum skond l-Art 31 tar-Reg 44/2001/KE (Brussels 1). L-atturi fil-kawza istitwita l-Irlanda huma Flannery u LS waqt li l-konvenuti huma Walters, Brian Connell, AMSL, Catharsis, ATL u ANL.

**Fil-qosor**, fid-difiza taghhom dwar il-mertu tal-istanza tar-rikorrenti, l-intimati jikkontendu li meta kienu prezentati protesti gudizzjarji kontra taghhom, il-pretensjonijiet hemm kontenuti saru minn Flannery u minn kumpannija ohra bl-isem SEAF-2 Limited (**SEAF**) u r-rikorrenti LST ma tirrizulta mkien. Difiza ohra hija li AMSL ittrasferiet l-interess taghha fil-*patents* lil CTL ; ukoll li konsegwenza ta` ftehim iehor li ghalih ir-rikorrenti ma ghamlux riferenza 72% (mhux 80%) tal-ishma ta` CTL isiru ta` SEAF bil-patt li din issostni finanjarjament 80% tal-working capital ta` CTL. Flannery u SEAF baqghu nadempjenti.

**Ikkunsidrat :**

**II. Dritt**

Skond l-**Art 873(1) tal-Kap 12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**Art 873(2) tal-Kap 12** –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri **zewg hwejjeg** biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat.

**L-ewwel haga** li jrid juri hi li l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi.

**It-tieni haga** hija li r-rikorrent ikun jidher li ghandu, [*prima facie*] dawk il-jeddijiet.

Dwar ir-rekwizit li "r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **"Grech pro et noe vs Manfre"'** qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Minn kliem il-ligi stess, **iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli**. Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

Il-Qorti tkompli tinsisti illi bil-fatt li tintlaqa` talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ma jfissirx illi l-jedd huwa ppruvat. Bhal ma lanqas ifisser li ghax ma tintlaqax talba ghall-hrug ta' l-Mandat, allura l-jedd pretiz ma jezistix. **L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu**.

Partikolarment ghall-procediment tal-lum, il-Qorti taghmel riferenza ghall-**Art 31 ta` Brussels 1** li jaqra hekk –

*Application may be made to the courts of a Member State for such provisional, including protective, measures as may be available under the law of that State, even if, under this Regulation, the courts of another Member State have jurisdiction as to the substance of the matter.*

**Ikkunsidrat** :

## III. Rizultanzi

Kemm fil-kaz tat-talba li tirrigwarda lill-intimati AMSL u CTL biss, u dik li tirrelata mal-intimati l-ohra, il-Qorti sejra ghal dawk li huma provi tillimita ruhha ghall-essenzjal sabiex tistabilixxi jekk jikkonkorrux ir-rekwiziti kollha ghall-hrug tal-Mandat.

**Sejra tqis l-ewwel it-talba kif din tolqot lill-intimati AMSL u CTL**.

Irrizulta li t-talba kontra l-intimati AMSL u CTL giet dedotta bhala mizura kawtelatorja konsegwenzjali ghall-kawza li r-rikorrenti ressqu kontra dawk iz-zewg intimati u ohrajn fil-High Court ta` Dublin, l-Irlanda.
Il-Qorti tghid illi l-Art 31 ta` Brussels 1 jippermetti li l-istituzzjoni ta` procediment bhal dak quddiem din il-Qorti bejn zewg Stati Membri tal-UE. Ma hemm xejn fil-ligi taghna li jzomm lir-rikorrenti milli jipproponu l-procediment tal-lum kontra dawk l-intimati biss u mhux ukoll kontra l-konvenuti fil-procediment istitwit fl-Irlanda. Ma hemm propju l-ebda kwistjoni ta` nuqqas ta` integrita` ta` gudizzju.

Iz-zewg socjetajiet intimati in kwistjoni huma registrati Malta. Huma s-sidien u/jew possessuri ta` l-*patents* li ghalihom tirreferi t-talba. Ghalkemm AMSL tallega li ttrasferiet lil CTL l-interess taghha fil-*patents* u fl-applikazzjoni pendenti, ma ressqet l-ebda dokument li jipprova t-trasferiment tal-interess – din il-Qorti tghid li dik kienet tikkostitwixxi l-ahjar prova. Skond ir-rikorrenti, ir-ricerka fil-qasam partikolari tat-teknologija tal-informatika li wasslet b`success ghar-registrazzjoni ta` *patent* fl-Irlanda, ta` ohra fl-Istati Uniti u ta` ohra li hija pendenti quddiem l-EPO kienet ir-rizultat ta` investiment notevoli dirett li ghamlu huma. U li minkejja dak l-investiment, la r-rikorrenti u lanqas socjetajiet kontrollati mir-rikorrenti bhal SAFE ma jidher xejn fuqhom. Skond ir-rikorrenti, dan gara minhabba inadempjenti da parti jew addirittura frode da parti ta` Walters u tal-entitajiet li jikkontrolla. Irrizulta wkoll li l-intimati qeghdin jittrattaw ma` terzi l-isfruttament kummercjali tal-*patents* bihom barra ghal kollox mix-xena.

F`dan l-isfond il-Qorti tghid fl-ewwel lok li ghandha gurisdizzjoni biex tittratta din il-materja skond l-**Art 742 tal-Kap 12**. Fit-tieni lok, hija l-fehma tal-Qorti li r-rikorrenti ghandhom bhala investituri fil-progett jedd *prima facie* li jitolbu l-hrug tal-Mandat safejn jolqot il-*patents*.

**L-ewwel rekwizit huwa sodisfatt.**

Il-Qorti sejra tara issa jekk ir-rekwizit tal-pregudizzju jirrizultax ukoll. Irrizulta li l-propjeta` u/jew pussess tal-*patents* tinsab ghand l-intimati in kwistjoni. Jidher manifest illi llum huma propju dawn il-*patents* u l-applikazzjoni tat-tielet wahda mal-EPO li fuqhom idur in-negozju tal-intimati in kwistjoni. Jekk il-*patents* jew l-applikazzjoni pendenti jmorru ghand haddiehor jew jitghabbew b`pizijiet jew jsir negozju bihom b`mod li r-rikorrenti ma jkollhom l-ebda forma ta` kontroll, il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li l-pregudizzju li jgarrbu r-rikorrenti jkun rreparabbli, u azzjoni alternattiva bhal azzjoni ghal danni mhijiex sejra tirreintegra lir-rikorrenti fid-drittijiet li jikkontendu li ghandhom u li kienu pprivati minnhom. Biz-zamma tal-*status quo* attwali, jigi prevenut propju dak it-tip ta` pregudizzju li r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tittutelahom minnu.

**Sejra tqis issa t-talba li tolqot lill-intimati l-ohra**.

Il-Qorti tghid mill-ewwel li din it-talba mhijiex koperta mill-Art 31 ta` Brussels 1 stante li dawn l-intimati partikolari mhumiex parti fil-kawza li kienet istitwita l-Irlanda. Li allura jfisser illi jekk il-Qorti tilqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat ir-rikorrenti jkunu jridu jsegwu l-hrug tal-Mandat bi procedura *ad hoc* skond il-Kap 12. U hemm jigi trattat *funditus* il-mertu tal-kwistjoni bejn il-

partijiet li certament hadd m`ghandu jistenna li ghandu jigi trattat *in extenso* fi procediment bhal ma huwa dan minhabba l-parametri stretti li l-ligi tipprefigi ghal dan il-procediment.

In kwantu ghall-kwistjoni tal-gurisdizzjoni, il-Qorti tirrileva li l-intimata ESCL hija kumpannija registrata Malta u l-bqija tal-intimati ghall-fini ta` din it-talba huma kumpanniji registrati barra. Ghalkemm dawn huma l-fatti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tittratta t-talba fil-konfront taghhom fil-kaz ta` ESCL skond l-**Art 742(1)(b)** u fil-kaz tal-ohrajn skond l-**Art 742(1)(c) tal-Kap 12** billi l-mertu jolqot t-trasferiment ta` ishma ta` kumpanniji registrati Malta

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, jirrizultaw kemm l-ewwel u kif ukoll it-tieni rekwiziti. Ikun ghal kollox inutili li tilqa` t-talba kontra AMSL u CTL ghar-ragunijiet li diga` spjegati jekk ma tordnax il-hrug tal-Mandat kontra l-azzjonisti – huma kemm huma – ta` l-kumpanniji AMSL u CTL. Jekk ma taghmilx hekk, tkun qeghda tirrendi ghal kollox inutili l-akkoljiment tal-ewwel talba ghaliex l-azzjonisti jifdilhom l-opzjoni li jittrasferixxi jew jinnegozjaw il-*patents* bi trasferiment tal-ishma ghalkemm il-kumpanniji AMSL u CTL jibqghu l-istess. Ma tkunx taghmel sens azzjoni delikata u komplessa li ttentaw ir-rikorrenti jekk il-hrug tal-Mandat ma jkollux effett ukoll fuq it-trasferiment tal-ishma tal-kumpanniji li huma s-sidien u/jew possessuri tal-*patents*. Ir-ragunijiet kollha li ghamlet il-Qorti fil-kaz tal-ewwel talba jghoddu wkoll hawn.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti.**

**Ghalhekk qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni –**

**Kontra l-intimati Activity Monitoring Solutions Limited u Catharsis Technologies Limited sabiex direttament jew indirettament la jbieghu, la jassenjaw, la jittrasferixxu jew b`xi mod iehor icedu jew jghaddu kemm b`titolu gratuwitu, kemm in parti jew in toto, jew b`xi mod iehor jingumbraw jew jidhlu f`arrangamenti dwar kull interess patrimonjali jew mod iehor li ghandhom jew jista` jkollhom (a) fil-privattiva (patent) Iralndiza maghrufa bhala short-term Irish patent registrata fir-Repubblika tal-Irlanda bin-numru S82622, u (b) fil-prattiva registrata l-Istati Uniti tal-Amerika bin-numru US 8019807 u (c) fl-applikazzjoni ghall-hrug ta` privattiva Ewropea mressqa mal-European Patents Office u li ghandha n-numru 02394064.6, liema applikazzjoni ghadha pendenti ;**

**u**

**Kontra l-intimati l-ohra kollha sabiex direttament jew indirettament la jbieghu, la jassenjaw, la jittrasferixxu jew b`xi mod iehor icedu jew ighaddu kemm b`titolu oneruz kif ukoll b`titolu gratuwitu, kemm in parti jew in toto, jew b`xi mod iehor jingumbraw jew jidhlu f`arrangamenti dwar l-ishma li huma ghandhom fis-socjetajiet intimati l-ohra Activity Monitoring Solutions Limited u Catharsis Technologies Limited liema trasferiment jekk isehh ikun qed jeludi l-pretensjonijiet imressqa mir-rikorrenti fi proceduri li nfethu apposta kontestwalment ma` dan il-mandat fil-Qrati ta` Dublin, ir-Repubblika tal-Irlanda.**

**Tordna illi kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------